Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 116/20**

il-Lussemburgu, it-23 ta’ Settembru 2020

Sentenza fil-Kawżi magħquda T-515/13 RENV Spanja vs Il-Kummissjoni u T-719/13 RENV**Error! Reference source not found.** Lico Leasing, SA u Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión, SA vs Il-Kummissjoni

# L-iskema fiskali Spanjola applikabbli għal ċerti ftehimiet ta’ lokazzjoni-finanzjament konklużi minn tarzni tikkostitwixxi skema ta’ għajnuna

*L-għajnuna mill-Istat illegali mogħtija fuq din il-bażi għandha tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tagħha*

Fl-2006, Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet diversi lmenti dwar l-applikazzjoni ta’ “Sistema [Skema] Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni” (iktar ’il quddiem is-“SSTL”) għal ċerti ftehimiet ta’ lokazzjoni-finanzjament, sa fejn din kienet kienet tippermetti lill-kumpanniji tat-tbaħħir li jibbenefikaw minn tnaqqis tal-prezz ta’ 20 sa 30 % fix-xiri ta’ bastimenti mibnija minn tarzni Spanjoli. Skont il-Kummissjoni, l-għan tas-SSTL kien li jitwasslu vantaġġi fiskali lil gruppi ta’ interess ekonomiku (iktar ’il quddiem il-“GIE”) u lill-investituri li jipparteċipaw fihom, li kienu sussegwentement jittrasferixxu parti minn dawn il-vantaġġi lill-kumpanniji tat-tbaħħir li jkunu xtraw bastiment ġdid.

F’deċiżjoni [1] adottata f’Lulju 2013, il-Kummissjoni qieset li s-SSTL kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat [2] fil-forma ta’ vantaġġ fiskali selettiv li kienet parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Billi din l-iskema kienet ġiet implimentata sa mill-1 ta’ Jannar 2002 bi ksur tal-obbligu ta’ notifika [3], hija kienet ordnat lill-awtoritajiet nazzjonali jirkupraw din l-għajnuna mingħand l-investituri, jiġifieri l-membri tal-GIE.

F’Settembru 2013, Spanja, Lico Leasing, SA u Pequeños y Medianos Astilleros Sociedad de Reconversión, SA (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”) ippreżentaw rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta’ Diċembru 2015, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni [4] (T-515/13 u T-719/13), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-vantaġġ irċevut mill-investituri tal-GIE ma kienx selettiv u li l-motivazzjoni li tikkonċerna l-kriterji ta’ distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ kienet insuffiċjenti. Konsegwentement, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet annullata mingħajr ma kien hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq il-motivi u l-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b’appell ippreżentat mill-Kummissjoni, annullat, bis-sentenza tagħha tal-25 ta’ Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et* [5] (C-128/16 P), is-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali, fl-analiżi tagħha tan-natura selettiva tal-miżuri fiskali, kienet applikat b’mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tat-Trattat marbuta mal-għajnuna mill-Istat u, kuntrarjament għal dak li kienet ikkonkludiet, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma kinitx ivvizzjata minn nuqqas ta’ motivazzjoni. Billi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma kinitx tat deċiżjoni fuq il-motivi kollha invokati quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kawża ma kinitx fi stat li tiġi deċiża u, għaldaqstant, bagħtet il-kawżi lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/200/UE tas-17 ta’ Lulju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.21233 C/11 (ex NN/11, ex CP 137/06) mogħtija minn Spanja – Reġim tat-taxxa applikabbli għal ċerti ftehimiet ta’ lokazzjoni finanzjarja magħruf ukoll bħala s-Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni (ĠU 2014, L 114, p. 1).

[2] Fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

[3] Previst fl-Artikolu 108(3) TFUE.

[4] Ara SS 150/15.

[5] Ara SS 115/18.

**Permezz tas-sentenza tagħha fuq ir-rinviju tat-23 ta' Settembru 2020, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni (T-515/13 RENV u T-719/13 RENV), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti.**

**Il-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-ewwel lok, il-klassifikazzjoni tal-miżuri fiskali bħala għajnuna mill-Istat.** F'dan il-kuntest, hija vverifikat, qabelxejn, jekk il-Kummissjoni setgħetx tikkonkludi li l-vantaġġi mogħtija abbażi tas-SSTL, meqjusa fl-intier tagħhom, kinux ta' natura selettiva. Wara li fakkret fil-ġurisprudenza dwar is-selettività li tirriżulta mis-setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjonijiet nazzjonali meta dawn jeżerċitaw il-kompetenzi fiskali tagħhom [6], **il-Qorti Ġenerali osservat li l-benefiċċju tal-iskema fiskali inkwistjoni kien ingħata mill-amministrazzjoni fiskali fil-kuntest ta' skema ta' awtorizzazzjoni minn qabel fuq il-bażi ta' kriterji vagi li jimplikaw interpretazzjoni li l-eżerċizzju tagħha ma kien suġġett għal ebda konfini. B'hekk, l-amministrazzjoni fiskali setgħet tistabbilixxi d-data tal-bidu tad-deprezzament skont ċirkustanzi ddefiniti f'termini li jagħtu lill-amministrazzjoni marġni diskrezzjonali wiesa'. Skont il-Qorti Ġenerali, l-eżistenza ta' dawn l-aspetti diskrezzjonali kienet ta' natura li tiffavorixxi lill-benefiċjarji meta mqabbla ma' persuni taxxabbli oħra li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli.** B'mod partikolari, GIE oħra ma setgħux jibbenefikaw mid-deprezzament antiċipat taħt l-istess kundizzjonijiet, **Barra minn hekk,** sabiex twarrab l-argument li l-awtorizzazzjoni ngħatat fil-prattika lill-GIE kollha attivi fis-settur inkwistjoni, **il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fid-dawl tan-natura diskrezzjonali *de jure* tal-leġiżlazzjoni, ftit jimporta jekk l-applikazzjoni tagħhom kinitx diskrezzjonali jew le *de facto*. Il-Qorti Ġenerali minn dan iddeduċiet li, peress li waħda mill-miżuri li jippermettu l-benefiċċju tas-SSTL fl-intier tagħha kienet selettiva, jiġifieri l-awtorizzazzjoni tad-deprezzament antiċipat, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkunsidrat li s-sistema kienet selettiva kollha kemm hi.** Il-Qorti Ġenerali enfasizzat sussegwentement li s-suq tal-akkwist u tal-bejgħ ta' bastimenti tat-tbaħħir kien miftuħ għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u li tnaqqis ta' 20 sa 30 % tal-prezz ta' bastiment kien jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan is-suq li fih kienu attivi l-GIE. B'hekk, **il-kundizzjonijiet dwar ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri kienu ssodisfatti. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat.**

**Il-Qorti Ġenerali eżaminat, fit-tieni lok, l-irkupru tal-għajnuna illegali u ċaħdet il-motivi differenti invokati mir-rikorrenti f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, hija ċaħdet il-ksur allegat tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.** Fil-fatt, ir-rikorrenti ma kienx irnexxielhom jistabbilixxu li kienu kisbu mingħand il-Kummissjoni assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti li minnhom kien jirriżulta li s-sistema inkwistjoni ma kinitx taqa' taħt il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat". Barra minn hekk, **il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet ħadet debitament inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tagħha r-rekwiżit ta' ċertezza legali li kien wassalha sabiex tillimita *ratione temporis* l-irkupru tal-għajnuna illegali.** Fil-fatt, l-irkupru tal-għajnuna kien limitat għal dik mogħtija wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni marbuta mal-GIE fiskali Franċiż li kienet ġabet fi tmiemha sitwazzjoni ta' inċertezza legali naxxenti mis-sentenza Brittany Ferries [7]. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball meta qieset li l-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni kienet waqqfet kull inċertezza legali peress li, f'din id-deċiżjoni, sistema paragunabbli mas-SSTL kienet ġiet ikklassifikata bħala għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-validità ta' din il-konstatazzjoni ma kinitx ikkontestata minn

[6] Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, punt 23), tad-29 ta' Ġunju 1999, DM Transport (C-256/97, punt 27), tat-18 ta' Lulju 2013, P (C-6/12, punt 27), u tal-25 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Spanja *et* (C-128/16 P, punt 55). Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2008, Hotel Cipriani vs Il-Kummissjoni (T-254/00, T-270/00 u T-277/00, punt 97), u tal-20 ta' Settembru 2019, Port autonome du Centre et de l'Ouest *et* vs Il-Kummissjoni (T-673/17, punt 188).

[7] Is-sentenza Brittany Ferries, adottata fl-2001, setgħet twassal lill-operaturi ekonomiċi jqisu li l-vantaġġi fiskali, bħal dawk mogħtija fil-kuntest tas-SSTL, setgħu jikkostitwixxu miżuri ġenerali li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Madankollu, skont il-Kummissjoni, is-sitwazzjoni ta' inċertezza legali ġiet fi tmiemha bl-adozzjoni ta' deċiżjoni fuq il-GIE fiskali Franċiżi, ippubblikata fit-30 ta' April 2007, li kellha twassal lil operatur prudenti u avżat sabiex jikkunsidra li skema simili għas-SSTL setgħet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

ċirkustanzi suċċessivi, bħall-allegat nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sistema inkwistjoni.

**Fl-aħħar, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji applikabbli għall-irkupru.** Ir-rikorrenti jikkritikaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sa fejn din kienet tordna l-irkupru tal-għajnuna kollha mingħand l-investituri (il-membri tal-GIE) minkejja li parti mill-vantaġġ fiskali kienet ġiet ittrasferita lill-kumpanniji tat-tbaħħir. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li l-kumpanniji tat-tbaħħir ma kinux il-benefiċjarji tal-għajnuna, b'tali mod li l-ordni ta' rkupru kien jikkonċerna biss u b'mod sħiħ lill-investituri, l-uniċi benefiċjarji tal-għajnuna kollha skont id-deċiżjoni kkontestata minħabba t-trasparenza tal-GIE. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball meta ordnat l-irkupru tal-għajnuna kollha mingħand l-investituri, minkejja li dawn kienu ttrasferixxew parti mill-vantaġġ lil operaturi oħra, peress li dawn tal-aħħar ma kinux meqjusa bħala benefiċjarji tal-għajnuna. Fil-fatt, huma l-investituri li effettivament gawdew l-għajnuna peress li l-leġiżlazzjoni applikabbli ma kinitx timponi fuqhom it-trasferiment ta' parti mill-għajnuna lil terzi.

---

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*